**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Marzu, 2017

Rikors Guramentat numru : 226/15 AL

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi permezz ta' sentenza in data disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) din l-Onorabbli Qorti emanat sentenza fl-ismijiet *C D vs A B* (Rik Gur Nru 323/10 RM) u li permezz taghha wara li kkonkludiet illi l-esponent f' dik il-kawza kien kontumaci, laqghet it-talbiet attrici u ffissat retta alimentari ghall-minuri b' effett retroattiv (**Dok 1** hawn anness);

2. Illi din l-Onorabbli Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza (pagna 2 ta' l-anness Dok. 1) ghamlet sommarju tax-xhieda ta' C D kif gej *"kellha titlaq mid-dar bil-minuri u tfal ohra minn relazzjoni ohra peress li l-konvenut beda jkun vjolenti maghha. Tghid li kellha tiftah din il-kawza peress li l-konvenut waqaf jghaddilha manteniment ghat-tifel. Tghid li l-konvenut huwa kuntrattur u tarah ghadejj fit-triq b' karozza Pajero. Xehdet illi l-konvenut kapaci jmantni lill-minuri … l-attrici ma tghaddix u tghix bil-beneficcji socjali";*

3. Illi din l-Onorabbli Qorti waslet ghad-decide taghha a bazi tax-xhieda guramentata tal-attrici u fil-fatt fil-motivazzjonijiet taghha (ara pagna 3 tas-sentenza Dok 1) il-Qorti rrimarkat illi *"Skond l-attrici l-konvenut huwa kuntrattur. Fuq bazi ta' probabilta' il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ghandu mezzi imanti lill-minuri ibnu. Hi tal-fehma li fic-cirkostanzi il-manteniment adegwat ghandu jkun fis-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€ 350) fix-xahar;*

4. Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xhieda in gurament ta' l-attrici li nghatat minnha fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (ara **Dok 2** hawn anness) meta fl-istess xhieda taghha hija qalet bil-gurament illi *"kien isawwatni ta' spiss … niftakar illi darba gheddidni wkoll bir-revolver ghax kien ghajjur".* Fuq il-manteniment u mezzi disponibbli lilu D fl-istess xhieda qalet *"wara dawn is-sentejn ma tani xejn izjed. Kultant kien qed jikkuntatjani biex jara t-tifel pero' flus qatt ma tani. Ilu sentejn issa ma jarax lit-tifel. Sa fejn naf jien kien kuntrattur. Dan sa hames snin ilu. Kien jiehu tenders tat-toroq. M'ghandix informazzjoni".*

5. Illi din l-Onorabbli Qorti giet zvijata fil-kors tal-proceduri b' qerq u spergur u dan peress illi l-konvenut qatt ma kien vjolenti ma' C D u dan jista' facilment jigi ppruvat mix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija li jista' jikkonferma l-karenza ta' rapporti lill-pulizija ta' kwalunkwe tip;

6. Illi aktar centrali ghal mertu tal-kawza li kienet tittratta l-manteniment, ghal darba ohra din l-Onorabbli Qorti giet zvijata bl-ispergur u qerq ta' C D. Fl-ewwel lok l-esponent QATT ma kien kuntrattur tat-toroq. Jirrizulta anke mill-*employment history* tal-ETC u CV (ara **Dok 3** u **4** annessi) illi l-esponent kien kahhal. Inoltre kif taf ben tajjeb C D, l-esponent kien wegga' fis-sena 2007 u ghaldaqstant ma setghax ikompli jahdem. Di fatti huwa ilu jiehu l-hlas relattiv mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali sa mill-istess sena 2009 (**Dok 5** anness) f' liema zmien ukoll waqqaf il-VAT number peress li ma setghax ikompli jahdem (Dok **6**). It-turnover ta' l-intimat qatt ma qabez it-€8,000 (ara dokumentazzjoni tal-Vat Dok **7**);

7. Illi anke n-notifika saret b' qerq. C D taf illi fix-xhur tas-sajf l-esponent ma jirrisjedix id-dar u dan tafu peress illi meta kienu flimkien kienet tkun ma' l-esponent. Minkejja dan, hija intavolat il-kawza fil-perjodu estiv u nnottifikatu bl-affissjoni d-dar sabiex zgur ma ssibux id-dar. Dan ikompli jikxef il-qerq ta' C D bhala attrici fil-kawza surreferita;

8. L-attrici mkien ma tindika illi mill-beneficcji socjali u *allowance* hija tista' tippercepixxi 'il fuq minn hmistax-il elf ewro (€15,000) fis-sena;

9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispergur ta' C D fix-xhieda taghha u anke sa certu punt fir-rikors promotur tal-kawza surreferita, l-esponent ghamel kwerela kriminali fil-konfront tal-istess C D;

10. Illi l-qerq ta' l-attrici wasslet sabiex zvijat din l-Onorabbli Qorti sabiex konsegwentament emanat is-sentenza taghha surreferita fil-kontumacja tal-esponent. Il-pregudizzju li sofra l-attur kwantu konsistenti f'ordni tal-Qorti ghal hlas ta' €33,863.66 f'manteniment li ghalihom l-attrici diga harget il-mandati ezekuttivi ghalihom.

11. Illi hemm il-htiega li dik is-sentenza surreferita tigi impunjata peress illi qed tikkawza pregudizzju lill-

esponent. Hemm il-htiega illi din il-kawza tigi intavolata f' dan l-istadju minkejja illi l-proceduri kriminali ma humiex konkluzi u dan specjalment minhabba l-fatt illi gjaladarba C D jirnexxielha tezegwixxi s-sentenza taghha, l-esponent ma hux ser ikollu ebda possibilita' ta' rkupru tal-flejjes mehuda minnha, kemm-il darba dawn ikunu fil-pussess ta' D.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti in data disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) giet miksuba bil-qerq tal-intimata;
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentenza surreferita ma jistax jkollha, u ma ghandha, l-ebda effett skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari l-eccipjenti tirrileva l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti sabiex tiddeciedi t-talbiet kif dedotti fil-konfront ta' l-intimata;
2. Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma guridikament insostenibbli stante li s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 29 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet C Zammit vs A B illum hija *res judicata;*
3. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju tal-premess, t-talbiet avvanzati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-versjoni tal-fatti moghtija mill-eccipjenti fis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 29 ta' Jannar 2015 hija fattwalment korraborata minn xhieda ohrajn, apparti l-istess eccipjenti;

4. Illi l-intimata taf il-fatti kontenuti f'dan ir-rikors di *scienzia propria;*
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-27 t'Ottubru 2016 fejn il-Qorti ddikjarat ruħha kompetenti sabiex tisma l-kawża u ordnat il-prosegwiment tagħha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-attur, kif ukoll in-nota ippreżentata sussegwentement, rigward it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Rat illi l-konvenuta ma dehritx għall-udjenza tat-12 ta' Jannar 2017 fejn il-kawża tħalliet għall-provi u t-trattazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiegħda tagħti sentenza preliminari għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, ossija illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġuridikament insostenibbli stante li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddatat 29 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet C D vs. A B illum hija *res judicata*.

Il-Qorti ġja irritjeniet illi t-talbiet kif dedotti jirrendu l-kawża bħala waħda *sui generis* għaliex filwaqt illi qiegħda tintalab dikjarazzjoni li sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti ġiet miksuba bil-qerq tal-intimata, u qiegħda tintalab ukoll dikjarazzjoni li l-istess sentenza ma jistax ikollha u ma għandha l-ebda effett skont il-liġi, mhux qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża;

Il-Qorti hija tal-fehma illi, jekk kemm-il darba d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti ġiet miksuba bil-qerq, l-attur xorta waħda seta' jitlob ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża għaliex il-Kapitolu 12 tal-

Liġijiet ta' Malta[1] jipprovdi r-rimedju tar-ritrattazzjoni anke fl-eventwalita` tal-qerq u dan permezz tal-Artikolu 812 illi jistipula:

***812. Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f 'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.***

L-artikolu 811 tal-istess Kodiċi jelenka bħala l-ewwel kawżali għar-ritrattazzjoni ta' kawża speċifikament il-qerq tal-parti fil-kawża, meta jistipula illi l-kawża tiġi ritrattata ...
***(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;***

In vista ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur kellu rimedju disponibbli għalih fiċ-ċirkostanzi li qed jallega; Illi l-Qorti fin-nuqqas ta' talba għar-ritrattazzjoni m'għandha l-ebda poter li tilqa' t-talba tal-attur li "tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sentenza surreferita ma jistax ikollha, u ma għandha, l-ebda effett skont il-liġi." Għandu kemm għandu raġun fis-sustanza, (din il-Qorti ma trattatx il-mertu tal-każ) l-attur għażel li jagħmel kawża *sui generis* u mhux jieħu r-rimedju offrut lilu mil-liġi; Illi t-talba li għażel li jressaq l-attur hija ġuridikament insostenibbli u din il-Qorti u l-ebda Qorti m'għandha l-ebda poter li tannulla u/jew tħassar sentenza ta' din l-istess Qorti,kif diversament ippresjeduta, jekk mhux fir-rimedji stipulati fil-liġi, ossija l-appell jew ir-ritrattazzjoni.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u għaldaqstant qiegħda tiċħad it-talbiet attriċi.

---

[1] Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Bl-ispejjeż kontra l-attur.